*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 65*

***5.30p.m 29 t'Awissu 2023***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Eżekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *65.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

65.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Colin Pace minħabba raġunijiet personali.

## *65.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

65.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 63. Is-Sindku rrimarka li numru 63.6.5 hemm dettal nieqes li huwa ferm importanti għall-iskop tat-tema msemmija, li l-Marsa FC qed tagħmel l-attivita' b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali tal-Marsa. Is-Sindku vverifika dan permezz tal-video recordings tal-istess laqgħa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

65.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-pont San Tumas ser ikun qed isir kollu mill-ġdid u kien għalhekk li iżżarmaw l-bins u l-bankijiet min fuq il-post. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jkun importanti li meta jsir ix-xogħol li jkun hemm tabella bi kliem imniżżel 'under construction' u anke dawl temporanju. Is-Sindku qal ukoll li apparti hekk l-aġenzija Project Plus jista' jkun li ser jgħatuna dawl ġdid għall-pont.

65.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara ammont ta' xhur, il-Kunsill irċieva l-ammont komplut tal-fondi li kellu jingħata marbuta mal-attivitajiet tal-Marsa Belt Kulturali 2022, li kienu jammontaw għal madwar €50,000.

65.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li fuq nota pożittiva, ħafna mill-għamara tad-Day Care Centre waslet, u li jifdal biss huwa li jibda x-xogħol biex issir il-kċina.

## *65.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

65.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar l-estenzjoni tas-servizz tal-vann u li jekk din id-deċiżjoni għaddietx min laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wieġeb fl-affermattiv hekk kif din id-deċiżjoni ttieħdet fil-laqgħa preċedenti.

## *63.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

65.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 08/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *65.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

65.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għal attenzjoni tal-membri tal-Kunsill, ftehim li bagħtu d-Dipartiment tal-Anzjanità Attività, sabiex meta jitlesta l-proġett tad-day care centre, dan jibdew jieħdu ħsieb l-operat tiegħu. Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kamra d-dokument u beda jaqra l-kontenut. Il-Kunsillier is-Sur Frances Debono ssuġġerixxa li l-ftehim jiġġedded kull sena u d-dritt tal-użu tas-sala tal-Kunsill jibqa' f'idejn il-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer huwa tal-opinjoni li l-prijorità tal-użu tad-day care centre tibqa dejjem għar-residenti Marsin, u huwa importanti li l-istaff tal-AAKK ikollu food handling course u anke first aid. Il-Kunsillier Debono żied jgħid li fid-dokument għandu jkun imniżżel li l-Kunsill mhux ser jieħu responsabiltà għall-ikel li ser ikun qed jiġi pprovdut mhux mill-Kunsill. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti u bi qbil unanimu ġew aċċettati s-suġġerimenti. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

65.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li n-nominazzjonijiet għal Premju Anzjanità Attiva qed jintlaqaw sa mhux aktar tard min nhar il-Ħamis 31 t'Awissu 2023.

65.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Banda Trinita' Qaddisa bejn il-5 u t-8 ta' Diċembru ser itella' kunċert ġewwa Ruma. Dan l-avveniment ser jiswa ammont konsiderevoli ta' flus fejn qed jiġi kkalkulat li l-ispiża ser tkun ta' 14-il elf euro. Għalhekk is-Soċjetà qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill peress li l-banda ser tkun qed tagħti ġieħ lill-Marsin barra min Malta. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill ma jkunx jista' joħroġ dawn il-flus minħabba liġijiet li jorbtu l-Kunsilli Lokali kollha dwar l-għoti ta' donazzjonijiet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

65.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-għaqda Alpha TTK Malta nfurmat lill-Kunsill Lokali tal-Marsa li s-Sinjura Anna Tabone, li hija residenta mill-Marsa ser tipparteċipa fil-Ping Pong Parkinsons World Championships 2023 bejn il-25 u t-30 ta' Settembru ġewwa l-Awstrija. Għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistgħux jagħti għanjuna finanzjarja. Is-Sindku spjega li bħalma kienet it-talba preċedenti, l-Kunsill għandu obbligi legali ċari fejn ma jistax jagħti donazzjonijiet. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

65.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jirringrazzja mill-ġdid lill-edituri f'isem il-Marsa FC għal għoti tal-ktieb aktar kmieni qabel il-laqgħa. Huwa talab l-opinjoni tal-kunsilliera dwar jekk il-Kunsill jixtrix il-ktieb għall-iskejjel u anke għall-Kunsilliera. Wara diskussjoni fost dawk preżenti

ġie maqbul li l-ktieb għandu jinxtara għall-iskejjel. Fuq il-kwistjoni tal-għoti tal-ktieb għall-kunsilliera, l-Kunsill jista' jitlob ruling mid-dipartiment. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet fuq dan, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt l-vot favur kien unanimu.

## *65.7 Quarterly Report Q2 2023;*

65.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti tagħrif dwar l-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali tal-Marsa għat-tieni kwart tas-sena finanzjarja sa l-aħħar jum ta' Ġunju 2023. Is-Segretarju spjega li matul l-ewwel sitt xhur tas-sena rajna li d-dejn naqas sostanzjalment mill-aħħar ta' Diċembru 2022. Fil-fatt matul l-ewwel sitt xhur tas-sena d-dejn niżel għal madwar €23,000 li huwa ferm inqas mill-€50,000 irreġistrati f'Diċembru u dan minkejja l-fatt li l-Kunsill ma naqqas l-ebda servizz matul dan il-perjodu. Sadanittant, indikatur finanzjarju ewlieni l-FSI huwa pożittiv fuq il-livell ta' 21%. Is-Sindku spjega ukoll li l-Kunsill illum irċieva l-ammont ta' madwar €50,000 kif spjega aktar qabel fil-laqgħa u għad hemm €40,000 oħra li l-Kunsill irid jiġbor mid-dipartiment fi ħlasijiet relatati mat-tindif tal-korsa. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *65.8 Update - Attivita' t'Ottubru;*

65.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħala parti mill-attivitajiet relatati mar-Reġjun Kulturali tas-sena 2023, il-Marsa ġiet magħżula biex tospita attività tal-isports bejn il-15/16 t'Ottubru fiż-żona ta' madwar il-grawnd tal-football, il-Meeting Place, l-Kunsill u quddiem il-Parroċċa tas-Ssma. Trinità. Madankollu, s'issa l-Kunsill m'għandux aktar informazzjoni fir-rigward u meta jkun hemm aktar informazzjoni l-Kunsilliera ser ikunu nfurmati.

## *65.9 Attivitajiet Novembru – Monument tal-Gwerra u ċ-Ċimiterju tat-Torok;*

65.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li bħal kull sena l-Kunsill ser ikun qed ipoġġi l-fjuri fuq il-monument tal-Gwerra fil-jum iddedikat lill-ħutna li telqu qabilna, dak tat-2 ta' Novembru. Madankollu, għal din is-sena is-Sindku xtaq iniedi attività ġdida fejn il-Marsin ikunu jistgħu jżuru ċ-Ċimiterju tat-Torok u l-kappella ta' Ċeppuna u ta' Ċejlu, li huma ġawriet tal-arkitettura Maltija. Il-ħsieb huwa li nitilqu fid-9 ta' filgħodu b'trasport ipprovdut mill-Kunsill u jkun hemm is-sehem tal-Għaqda Storika u Kulturali tal-Marsa. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *65.10 Kors tal-Presepju;*

65.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti dettalji dwar il-kors tal-Presepju mill-presepista s-Sur Alan Briffa. Il-Kunsillier Spencer qal li il-kors tal-

presepju ser ikun b'total ta' għaxar lezzjonijiet li ser ikun qed jibdew mill-14 ta' Settembru u li ser ikunu qed jammontaw għal total ta' 30 siegħa mill-5.30 sat-8.00 ta' filgħaxija. L-aħħar lezzjoni ser tkun skedata għal 24 t'Ottubru. Filwaqt li l-kors ser ikun b'xejn għall-parteċipanti jista' jkun hemm xi affarijiet żgħar li jkunu jridu jixtru biex jaħdmu l-presepju, għalhekk il-Kunsill jista' jixtri affarijiet biex ikun jista' jqassam mal-parteċipanti. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien

## *65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

65.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għas-28 ta' Settembru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |